



WIRJIET VIRTWALI U ITINERANTI

Għall-udjenzi barra Brussell, nixtikuq tesperjenza l-mużew eqreb ta’ pajjiżek.

Agħmel żjara virtwali fil-ħames sulari kollha tal-wirja permanenti jew aqra l-istejjer affaxxinanti ta’ oġġetti mill-Kollezżjoni Online tagħna. Esplora l-Paviljun tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar permezz tal-esperjenza tar-realtà virtwali tal-Expo 58 tagħna, jew żur il-wirja itineranti tagħna fil-bliet madwar l-Ewropa.

TAGĦLIM, AVVENIMENTI U OFFERTI GĦALL-FAMILJI

Il-programm għall-pubbliku u l-offerti ta’ tagħlim jipprovdu opportunitajiet biex nidħlu fil-fond fil-multiperspettività tal-istorja Ewropea permezz ta’ varjetà ta’ avvenimenti u riżorsi mfassla għall-udjenzi differenti tagħna u l-ħtiġijiet tagħhom.

Matul is-sena noffru firxa estensiva ta’ attivitajiet multilingwi għall-adulti, l-iskejjel u l-familji, kemm fuq il-post kif ukoll online.

Dawn jinkludu taħditiet, sessjonijiet ta’ ħidma, żjarat tematiċi, perkorsi ta’ skoperta għall-familja u aktar – kollha mfassla biex jgħinu lill-viżitaturi tagħna jifhmu l-passat u r-rilevanza tiegħu għall-preżent.

Żur is-sit web tagħna biex issir taf aktar dwar l-offerti tal-ipprogrammar pubbliku tagħna.



INFORMAZZJONI PRATTIKA

Il-mużew huwa miftuħ 7 ijiem fil-ġimgħa u d-dħul huwa bla ħlas.

Għal viżitaturi individwali, familji u gruppi ta’ inqas minn 9 persuni, il-prenotazzjoni minn qabel mhijiex meħtieġa.

Għal gruppi ta’ 10 persuni jew aktar jekk jogħġbok agħmel prenotazzjoni minn qabel taż-żjara tiegħek online.

<https://brussels-historia.booking.europa.eu/>

Dar l-Istorja Ewropea tinsab f’Park Léopold qrib il-Parlament Ewropew.

Rue Belliard/Belliardstraat 135  
1000 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

ĦINIJET TAL-FTUĦ

It-Tnejn mis-13.00 sas-18.00  
Mit-Tlieta sal-Ġimgħa mid-9.00 sas-18.00 \*  
Is-Sibt u l-Ħadd mill-10.00 sas-18.00

\* 10.00-18.00 matul Lulju u Awwissu

*Magħluqa fl-1 ta’ Jannar, fl-1 ta’ Mejju, fl-1 ta’ Novembru u fl-24, il-25 u l-31 ta’ Diċembru.*



ŻOMM KUNTATT



Skennja l-kodiċi QR biex tkun minn tal-ewwel li tisma’ dwar iż-żjarat iggwidati bla ħlas tagħna, l-avvenimenti u l-offerti ta’ tagħlim

Dar l-Istorja Ewropea

Rue Belliard/Belliardstraat 135  
1000 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

- 🌐 [www.historia.europa.eu](http://www.historia.europa.eu)
- 👍 [facebook.com/HistoriaEuropa](https://facebook.com/HistoriaEuropa)
- ✂️ [x.com/HistoriaEuropa](https://x.com/HistoriaEuropa)
- 📷 [instagram.com/houseeuropeanhistory](https://instagram.com/houseeuropeanhistory)

DAR  
L-ISTORJA  
EWROPEA

Passat komuni  
f’mużew wieħed



DAR  
L-ISTORJA  
EWROPEA



Skopri Dar l-Istorja Ewropea – l-uniku mużew li juri l-istorja vasta tal-Ewropa minn diversi perspettivi.

Il-mużew, li jinsab f’bini li oriġinarjament inħoloq fl-1935 bħala klinika dentali għat-tfal żvantaġġati, jistiednek tmur lil hinn mill-perspettiva nazzjonali tiegħek u tagħmel vjaġġ li jqanqal il-ħsieb permezz tal-avvenimenti u l-fenomeni ewlenin li għaqqdu u firdu lill-Ewropej fis-seklu 19 u 20.

Bl-użu ta’ gwida multimedjali li tinżamm bl-idejn b’24 lingwa, esperjenza xi wħud mill-avvenimenti storiċi li jkomplu jsawru u jinfluwenzaw il-ħajja tal-Ewropej illum permezz ta’ oġġetti, filmati u n-narrazzjoni.

Ingħaqad magħna fuq il-post fil-mużew, jew mill-bogħod għaż-Żgħira Virtwali tagħna biex tikkonnettja mal-passat tal-Ewropa, tifhem il-preżent tagħha u ssawwar il-futur.

WIRJA PERMANENTI



Il-wirja permanenti, li tibda bl-introduzzjoni tal-mit antik ta’ Europa, turi perspettivi differenti dwar l-avvenimenti ċentrali tas-seklu 19 u 20 u l-istadji importanti tal-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea li jwassal sal-għurnata tal-lum. Il-viżitaturi huma mistiedna jirriflettu dwar ir-rilevanza tal-wirt komuni tal-kontinent.

Il-wirja hija adattata għall-familja kollha u għandha spazji interattivi ta’ skoperta għat-tfal li jinsabu f’kull sular.

● IT-TISWIR TAL-EWROPA

Tgħalliem aktar dwar l-Ewropa u x’jiddistingwiha minn kontinenti oħra permezz tal-mitoloġija, il-mapep u l-wirt kondiviż.

● L-EWROPA: POTENZA GLOBALI

Il-perjodu rivoluzzjonarju tas-seklu 19 irriżulta f’perjodu sinifikanti ta’ bidla u t-trasformazzjoni ta’ soċjetajiet Ewropej. Bir-Rivoluzzjoni Industrijali, saru avvanzi mgħaġġla fix-xjenza, it-teknoloġija u l-ekonomija, li mexxew ‘il quddiem l-espansjoni globali tal-Ewropa u l-isfruttament tal-imperi kolonjali.

Imbagħad skopri kif sa tmiem is-seklu l-Ewropa kienet diġà laħqet il-quċċata tal-potenza globali tagħha.



● L-EWROPA: ĦERBA SĦIĦA

L-Ewropa daħlet fl-aktar seklu mdemmi fl-istorja tal-kontinent. Il-qerda trawmatika u bla preċedent kellha impatt profond fuq l-Ewropej għas-snin li seggew.

Tgħalliem dwar l-avvenimenti li wasslu għal telf ta’ miljuni ta’ ħajjiet inklużi l-ewwel gwerra tal-massa industrijalizzata, iż-żieda fin-nazzjonaliżmu u t-totalitarjanizmu fil-perjodu ta’ bejn il-gwerer u l-eskalazzjoni tat-Tieni Gwerra Dinjija fi “gwerra totali”, li neħħiet id-distinzjoni bejn is-soldati u ċ-ċivili.

● IL-BINI MILL-ĠDID TA’ KONTINENT MAQSUM

Fl-1945, l-Ewropa kienet ħerba u għalkemm it-Tieni Gwerra Dinjija kienet intemmet, il-Gwerra Bierda kienet waslet biex tibda. Ara kif il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-Ewropej tjiebu b’mod sostanzjali fil-perjodu ta’ wara l-gwerra bl-introduzzjoni tal-istat soċjali – anke bid-differenzi notevoli bejn is-suq u l-ekonomiji tal-istat fil-Lvant u fil-Punent. Dan il-perjodu kien ikkaratterizzat ukoll mis-silenzju inizjali u n-nuqqas ta’ rikonoxximent tax-Shoah.



● JITFARRKU Ċ-ĊERTEZZI

Iż-żmien ta’ prosperità fl-Ewropa ta’ wara l-gwerra spiċċa ħesrem fis-sebgħinijiet u movimenti soċjali ġodda sfidaw l-ordni politiku.

Id-domanda għal aktar parteċipazzjoni politika saħħet id-demokrazija fl-Ewropa tal-Punent filwaqt li poġġiet il-Komuniżmu taħt pressjoni fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Bit-tmiem tal-Gwerra Bierda, ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja u l-gwerra fil-Jugoslavja, ara kif il-mappa tal-Ewropa reġgħet inbidlet u kif l-arkivji u l-fajls li darba kienu msakkra matul l-era Komunista malajr kixfu l-esperjenzi u l-memorji ripressi tan-nies – li biddlu l-interpretazzjoni tal-istorja tagħna.

L-ISTADJI EWLENIN TAL-INTEGRAZZJONI EWROPEA

Mill-Kungress tal-Ewropa fl-1948 sad-dibattitu dwar Kostituzzjoni Ewropea fis-snin 2000, il-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea kiber b’mod sinifikanti.

Wara l-esperjenza tal-gwerra, il-pajjiżi Ewropej tgħallmu bil-mod il-mod kif jikkooperaw f’livell supranazzjonali.



● L-EWROPA TAL-LUM

Skopri l-bosta sfidi li l-Ewropej qed jiffaċċjaw illum, bħat-tibdil fil-klima, il-Brexit u l-wirt kolonjali, u rifletti fuq il-valuri ewlenin tal-Ewropa.

WIRJA TEMPORANJA

Kull sena, il-mużew joffri wirja temporanja li tidħol f’tema jew perjodu aktar speċifiċi tal-istorja Ewropea. B’dan il-mod nistgħu nuru elementi speċifiċi tal-istorja tal-Ewropa f’wirja aktar profonda, innovattiva u kreattiva li tappella għal udjenzi differenti.